MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Numru. 446/2001

Il-Pulizija
(Spettur Martin Sammut)
vs
Antonio sive Anthony Azzopardi

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Antonio sive Anthony Azzopardi, detentur tal-karta ta' l-identita Nru 514162(M), li permezz tieghu huwa gie akkuzat talli nhar il-24 ta' Gunju 2001 u fi zminijiet ta' qabel, gewwa Marsaskala u bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti li saru fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u gew maghmula b'rizuluzzjoni wahda;

Xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebhin b'qerq

u cioe diversi hwejjeg bil-marka Nike u Adidas u dan bi ksur ta' Artikolu 298(1)(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u l-provi kollha li tressqu;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat minn jeddu u bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fl-24 ta' Gunju tas-sena 2001 kienet saret spezzjoni ir-razett tal-hbiberija Wied il-Ghajn fejn jarma Monti zghir u hemm hekk il-pulizija kienet sabet l-imputat fuq imsemmi ibiegh xi hwejjeg u fosthom hwejjeg ta' ditti rinomati u minn hemm hekk il-pulizija elevaw hdax il-T Shirt tal-marka Adidas u disa' T Shirts tal-marka Nike u dan peress illi l-pulizija issuspettaw illi dawn it-T Shirts ma kienux originali. L-ghada l-pulizija baghatu ghall-imputat fuq imsemmi illi irrilaxxja stqarrija. L-imputat fl-istqarrija tieghu qal illi xi sena u nofs qabel kien ghaddej mill-Marsa, ra xi nies jixtru xi hwejjeg minghand xi Gharab, nizel mill-karozza tieghu u xtara madwar tletin bicca flokkijiet tal-Adidas u Nike bhal dawk li sabulu l-pulizija. Mistoqsi kienx jaf li kienu foloz, hu qal illi ma kienx jaf u li kien xtrahom bi prezz baxx tant illi l-iktar wiehed gholi kien jiswa madwar zewg liri. Huwa qal illi fir-Razett tal-Hbiberija Wied il-Ghajn kien qieghed ibiegh dawn it-T Shirts ghall-prezz ta' zewg liri, jew tlett liri, skond kemm kien xtrahom. Bhala profitt qal illi huwa ried jigbor flusu lura u jaghmel profitt minn fuq kull T Shirt ta' hamsa u ghoxrin centezmu, jew hamsin centezmu. Mistoqsi jekk qatt kienx biegh hwejjeg tad-ditta li kienu

foloz huwa qal illi qatt ma kien biegh affarijiet bhal dawn. Mistoqsi ghal fejn kien qieghed ibiegh dawn it-T Shirts, huwa qal illi kien qieghed ibieghhom ghaliex ma kellux bzonnhom u ried jaghmel spazzju ghall-hwejjeg tat-tarbija li kellu gejja fid-dinja. Mistoqsi kellux permessi mill-awtoritajiet kompetenti biex ibiegh hwejjeg tad-ditta bil-marki foloz, l-imputat wiegeb li ma kellux. Mistoqsi jekk regghax ra lil dawn il-persuni ta' nazzjonalita Gharbija, qal illi ma regghax rahom ghaliex qatt ma rega' nizel hemm hekk. Mistoqsi jekk ghaddilux minn rasu illi l-flokkijiet setghu kienu foloz huwa wiegeb li ma ghaddietlux minn rasu ghaliex lanqas kienu jidhru li kienu foloz.

Illi d-difiza irregistrat verbal fejn ezentat lill-Ufficjal Prosekutur milli igib il-prova fis-sens illi l-imputat ma ghandux trademark registrata fuq ismu peress illi skond id-difiza l-imputat ma ghandu l-ebda trademark registrata f'ismu sabiex ibiegh oggetti tal-marka Nike jew Adidas.

Illi fuq talba tal-Prosekuzzjoni il-Qorti hatret lil Martin Bajada sabiex jezamina l-oggetti maqbuda mill-Pulizija u jistabbilixxi jekk humiex originali jew iffalsifikati. Is-Sur Bajada ipprezenta u halef ir-relazzjoni tieghu waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju, 2003 u huwa ikkonkluda illi id-disa' flokkijiet bil-kelma Nike fuqhom huma kollha "non-compliant" u ghaldaqstant foloz u t-T Shirts kollha bil-firma Adidas fuqhom, hdax b'kollox, huma ukoll kollha "non-compliant" u ghaldaqstant foloz.

Illi l-imputat xehed f'dawn il-proceduri u bazikament izda mhux f'kollox ikkonferma dak li qal fl-istqarrija fis-sens illi kien ghaddej mill-Marsa, ra hafna nies qeghdin jixtru, nizel mill-karozza u xtara skoss flokkijiet, xi hamsa u ghoxrin T Shirt u ghalihom hallas hamsa u erghbin lira. Huwa xtrahom ghalih u mhux biex ibieghom u xrahom sabiex jilbishom ghax-xoghol. Minn meta xtrahom sa meta qabduh il-pulizija ghaddiet aktar minn sena. Huwa kompla jixhed illi kull nhar ta' Hadd ikun hemm speci ta' 'car booth sale' ir-Razzett tal-Hbiberija Wied il-Ghajn. Huwa iddecieda sabiex ibiegh dawn il-flokkijiet peress illi kellu tarbija gejja fid-dinja u allura issuggerixxa lil mara tieghu sabiex ibiegh dawn il-flokkijiet u igib xi flus

taghhom. Kien bi hsiebu jaqla jew hamsa u ghoxrin centezmu fuq kull wiehed, jew inkella hamsin centezmu. Gew fuqu l-pulizija u ikkonfiskaw dawn it-T Shirts. Huwa xehed illi kellu affarijiet ohrajn apparti dawn it-T Shirts, pero' l-pulizija kienu interessati biss biex jiehdu dawn it-T Shirts. L-imputat xehed ukoll li ma kienx jaf li dawn it-T Shirts kienu foloz. Huwa ikkonferma l-istqarrija li kien irrilaxxja lill-pulizija.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 298 (1) (f) tal-Kap. 9. Issa skond l-Artikolu 302 tal-Kap. 9 fir-reati ikkontemplati fl-Artikolu 298 (1) (f) tal-Kap. jitqies li l-akkuzat mexa dolozament kemm il-darba ma jippruvax illi ha l-prekawzjonijiet kollha necessarji sabiex ma jigix kommess ir-reat ikkontemplat f'dak l-Artikolu, ma jippruvax ukoll illi ma kellu l-ebda raguni jahseb illi l-oggetti in kwistjoni ma kienux awtentiki u illi meta gie mistoqsi minn membru tal-pulizija huwa ta l-informazzjoni kollha dwar il-persuna jew persuni minghand min kien xtara l-oggetti u illi mill-bqija huwa mexa bla hazen.

Illi fil-kaz in kwistjoni l-imputat xehed illu huwa xtara oggetti minghand Gharbi fil-post fil-Marsa fejn kien hemm diversi persuni li jkunu ghadhom kif waslu mil Libja bil-bastiment u jkunu qeghdin ibieghu diversi oggetti.

Illi huwa fatt maghruf illi fil-post illi semma l-imputat tkun qeghda issir attivita illegali.

Illi l-imputat messu kien jaf illi l-oggetti ma kienux genwieni u dan m'huwiex kaz illi huwa xtara l-oggetti in kwistjoni minn xi hanut rinomat, jew minghand xi persuna li ma kellux ghalfejn jissuspetta l-integrita taghha. Il-fatt minnu innifsu li xtara minn fejn xtara juri illi l-imputat ma hax il-prekawzjonijiet kollha necessarji.

Illi wkoll l-imputat stess ammetta illi xtara l-oggetti bi prezz redikolu u jaf, jew messu kien jaf illi oggetti tad-ditta Nike jew Adidas jinbieghu ferm iktar minn hekk u allura imissu issuspetta illi kienu foloz.

Illi mistoqsi mill-pulizija minn fejn kien xtara l-oggetti in kwistjoni huwa qal illi xtrahom minghand Gharbi, skuza illi soltu tinghata meta persuna ma tkunx trid tikxef l-identita tal-persuna minghand min tkun xtrat oggetti illegali.

Illi wkoll hemm inkonsistenza fil-verzjoni illi ta l-imputat fis-sens illi meta irrilaxxja l-istqarrija huwa qal lill-pulizija illi ried ibiegh it-T Shirt in kwistjoni sabiex jaghmel spazju fil-kxaxen, jew fil-gwardarobba peress illi kienet gejja tarbija fid-dinja u meta xehed f'dawn l-atti l-imputat qal illi ried ibiegh l-oggetti in kwistjoni peress illi ried jaqla xi haga tal-flus peress illi kienet gejja tarbija fid-dinja.

Illi wkoll fl-istqarrija tieghu l-imputat qal illi huwa qatt ma rega' ghadda mill-Marsa, mentri meta xehed qal illi huwa ghadda minn hemm hekk, pero' ma regghax nizel mill-karozza sabiex jixtri xi affarijiet.

Illi wkoll meta irrilaxxja l-istqarrija tieghu l-imputat qal illi kien disokkupat, mentri aktar tard qal illi kien jaghmel xi xoghol fil-gebel.

Ghaldaqstant irrizulta illi l-imputat biddel u hawwad fil-verzjonijiet tieghu u ghaldaqstant mhuwiex kredibbli. Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti tiddikjara illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-imputazzjonijiet kollha. Ghaldaqstant tiddikjara l-imputat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u dana wara li rat l-Artikoli 298 (1) (f), u 302 tal-Kap. 9.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-piena l-Qorti qieset il-fatt illi l-imputat fil-fatt ma kienx qieghed jaghmel xi profitt kbir u ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 filwaqt illi tilliberah tobbligah illi ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa kien jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------